**8 ta' Jannar, 1964.**

**Imhallef:**

**Onor. Dr. J. Flores B.L. Can., LL.D.**

Filippa Galea

*versus*

Carmela Formosa et.

**Millantazzjoni — Jedd inċert**

*Meta permezz ta' ittra min javanza millantazzjoni univokament jippretendi li ġie defrawdat f'ammont speċifiku ma jistax wara jippretendi li l-millantazzjoni tiegħu hi dwar jedd inċert.*

Il-Qorti: — Rat l-att taċ-ċitazjoni li bih l-attriċi premessi d-dikjarazzjonijiet neċessari u mogħtija l-provvedimenti opportuni premess illi b'ittra datata l-10 ta' Frar 1963, mibgħuta lill-attriċi, il konvenuti vvantaw li għandhom jieħdu minn għandha l-ammont ta' tletin lira (£30)

li huma allegaw li ħalisu żejjed fuq kuntratt minħabba qerq da parti tagħha, għall-liema ammont huma interpellawha biex tħallas u allegaw ukoll li saru da parti tal-attriċi ċerti raġġiri li jagħtu lok għall-annullament tal-kuntratt li bih dan l-aħħar il-konvenuti xtraw dar min għand l-attriċi u oħrajn, kif jidher mill-ittra ħawn unita, *Dok*. A premess illi l-attriċi trid teħles min din nil-pretensjoni jew pretensjonijiet, talbet li il-konvenuti jiġu minn dina l-Qorti mogħtija żmien skond il-liġi sabiex iġibu il-quddiem b'kawża l-pretensjoni jew pretensjonijiet tagħhom kontenuti fl-imsemmija ittra u fin nuqqas jiġi lilhom impedut li jaġixxu qatt iżjed għal dik il-pretensjoni, bl-ispejjes kontra il-konvenuti.

Rat id-dikjarazjoni tal-attriċi;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet li biha *l-konvenuta opponiet* illi l-azjoni magħmula mill-attriċi ma setgħatx issir peress illi l-ittra imsemmija hija dwar jedd inċert u għalhekk it-talba tal-attriċi għandha tiġi miċħuda.

Rat . . . omissis . . .

Ikkunsidrat:

Il-konvenuta u żewġha, per mezz tal-Avukat Dr. Ant. H. Farrugia, bagħtet l-ittra a fol. 4 lil attriċi, bid-data tal-10 ta' Frar 1963, fejn hemm hekk;

"Qed niktiblek fl-interess ta' Carmela u Giovanni miżżewġin Formosa li dan l-aħħar xtraw dar min għandek u s-sinjuri ħuk u neputik.

"Peress illi milli qaluli dawna ġew imqarqin bl-am-

mont ta' £30 fil-prezz miftiehem u fl-opinjoni tiegħi hemm lok għal ribattiment fil-prezz stante li skond ma qaluli x-xiehda saru da parti tiegħek ċerti raġġiri li jagħtu lok għall-annullament tal-kuntratt, inti mitluba sabiex fi żmien tlett ijiem tirrestitwixxi għandi fl-uffiċju tiegħi tal-Belt mill-4.30 - 7.30 p.m. is-somma ta' £30. Fin-nuqqas ser ikunu kostretti l-klienti tiegħi jipproċedu skond il-liġi.

"Bl-ispejjes"

*Fid-19 ta' Frar, 1963,* l-attriċi *għamlet* din l-istanza.

Il-millantazzjoni avanzata mill-konvenuti b'dik l-ittra mhiex dwar jedd inċert, kif jidher univokament mill-istess ittra fejn il-konvenuti qed jippretendu li ġew mill-attriċi defrawdati fl-ammont ta' £30 u interpellawha tirrestitwi-homlhom.

Għalhekk:

Tilqa l-ewwel talba tal-attriċi u tipprefiġġi lil konvenuti għal finijiet ta' l-istess talba tnax (12) il ġurnata żmien, u tħalli l-kawża fuq it-tieni talba għal 24 ta' Jannar 1964.

Spejjes riservati.